**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Mejju, 2016**

**Avviz Nru: 518/2004 MLF**

**Paul u Emanuela konjugi Scicluna**

**vs**

**Ronnie u Salvina konjugi Schembri**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jizgumbraw u jivvakaw il-kamra formanti parti l-fond 289, Triq il-Gdida, Hal-Luqa u jghalqu kull apertura li huma fethu ghal go l-istess fond u dan peress li din il-kamra qed tigi okkupata illegalment u minghajr ebda titolu validu skont il-ligi.

Ghal finijiet ta' kompetenza l-ammont ma jeccedix mitt lira Maltin (Lm100).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Ronnie u Salvina konjugi Schembri fejn eccepew:

Illi t-talba ghall-izgumbrament tal-kamra msemmija fl-avviz tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-kamra in kwistjoni qatt ma kienet tifforma parti mill-fond 289, New Street, Luqa. Ghall-kuntrarju l-kamra dejjem kienet tifforma parti integrali mill-fond numru 290 u l-access taghha huwa biss mill-fond numru 290, New Street, Luqa mikri lil Ronnie u Salvina konjugi Schembri ghal dawn l-ahhar disa' snin u precedentement mikri wkoll lil missier Salvina Schembri, Rosario Abela l'fuq minn hamsin sena ilu mis-sidien originali tal-fond numru 290.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-avukat difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Circa l-2004, l-attrici wirtet minghand il-genituri taghha, il-fond 289, Triq il-Gdida, Luqa, u li jinsab mikri lil Margaret Farrugia, u qabilha kien mikri lill-genituri taghha, mill-awturi tal-attrici u huha Anthony Ellul
2. Min-naha l-ohra hu l-attrici, Anthony Ellul wiret il-fond adjacenti 290, Triq il-Gdida, Luqa, li jinsab mikri lill-konvenuti, u qabilhom lill-genituri tal-konvenuti, mill-awturi tal-attrici u huha Anthony Ellul.
3. Meta mietet omm l-attrici u riedet issir id-dikjarazzjoni *causa mortis,* l-attrici u huha Anthony Ellul, dahlu fil-fondi 289 u 290 u qed jallegaw li l-fond 289 li gie assenjat fid-divizjoni lill-attrici ghandu kamra nieqsa, u din il-kamra, ad insaputa taghhom, giet ikkapparata mill-konvenuti, li huma l-inkwilini tal-fond 290 li gie assenjat Anthony Ellul, u llum tifforma parti mill-fond 290.
4. L-attrici qed titolbu li l-konvenuti jizgumbraw minn din il-kamra, sabiex din tinghaqad mal-fond 289. Hu l-attrici, li jigi s-sid tal-fond 290, mikri lill-konvenuti, jghid li l-attrici ghandha ragun, u li dik il-kamra ma tifformax parti mill-fond 290 li wiret hu.

5. Mill-provi u anke mir-rapport tal-espert tekniku l-Perit Godwin Abela, jirrizulta li fil-passat iz-zewg fondi kienu fond wiehed. Il-Perit Tekniku jghid ukoll li jista' jkun li xi darba kien hemm access ghal din il-kamra mill-fond 289, ghax fil-fond 289 fit-tieni sular ikkonstata jinjali ta' xi fetha fl-istess hajt. Pero illum il-kamra in kwistjoni hi accessibbli biss mill-fond 290.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Mill-provi jirrizulta li l-fondi in kwistjoni kienu originarjament tan-nannu tal-attrici u ta' huha Anthony Ellul, Giuseppe Borg, li kien joqghod fil-fond 290, illum mikri lill-konvenuti.

Fl-affidavit tieghu Anthony Ellul jghid li nannuh kien fetah tieqa fil-kamra in kwistjoni u kien juzah biex ipoggi s-silla fiha. Jghid li meta nannuh ma baqghax joqghod hemm, it-tieqa inghalqet u hadd ma kien jidhol fiha. Jghid li *"Kienet kamra minghajr ebda access u ma kienitx tifforma parti mill-kirja li saret lill-missier il-konvenuta."*.[1]

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li Anthony Ellul imkien ma jghid li l-kamra kellha access mill-fond 289, izda li kellha access limitat mill-fond 290. Fil-fatt hu jghid li meta skont hu it-tieqa li kien hemm fil-fond 290 inghalqet saret *"kamra minghajr ebda access"*. Frankament din l-asserzjoni ma taghmel l-ebda sens logiku, ghax x'sens hemm li taghlaq kamra u ma tuzahiex la minn fond u lanqas minn iehor. Ghalhekk din il-Qorti tqis din il-parti tax-xhieda ta' Anthony Ellul bhala mhix wahda attendibbli. Fit-tielet lok, in kontro-ezami, Anthony Ellul jghid li ma jafx jekk il-kirja lill-gennituri tal-konvenuta saritx minn nannuh jew minn missieru.

Inoltre jirrizulta li fit-testment tieghu tad-19 ta' Novembru 1954, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius,[2] Giuseppi Borg ordna hekk: *"It-testatur irid u jordna u jobbliga lill-eredi tieghu li wara mewtu jikru lill-imsemmi Rosario Abela l-mezzanin fejn illum joqghod it-testatur jekk l-imsemmija martu martu taghzel li tiehu l-uzu tat-terran fuq imsemmi."*

[1] Ara fol. 39 tal-process.
[2] Ara fol. 70 *et seq.* tal-process.

Skond l-konvenuta, Giuseppi Borg miet fit-13 ta' Marzu 1955.[3] Il-konvenuta xehdet li missierha Rosario Abela kien jikri minghand Giuseppi Borg il-fond 291, fl-istess triq tal-fondi mertu tal-kawza odjerna, u l-familja taghha kienu jghixu go dan il-fond. Izda wara l-mewt ta' Giuseppi Borg huma marru jghixu fil-fond 290 u l-armla ta' Giuseppe Borg, Maria Borg marret tghix fil-fond 291 minflokhom, bi ftehim bejniethom u skond kif imnizzel fit-testment ta' Giuseppi Borg. Ghalhekk kienu l-eredi ta' Giuseppe Borg – l-awturi tal-attrici u Anthony Ellul, li krew il-fond 290 lil Rosario Abela, missier il-konvenuta.

Il-konvenuta tghid li meta huma dahlu fil-fond 290 kien hemm access ghal kamra in kwistjoni, u kull ma ghamlu kien li kabbru l-fetha ezistenti biex l-access ghaliha ikun aktar komdu.

Dan huwa konfermat minn hu l-konvenuta John Abela, li hu t-tifel il-kbir ta' Rosario Abela. Fl-affidavit tieghu,[4] huwa jghid *"Minn meta dhalna fil-post sal-illum, l-uniku access ghal din il-kamra kien u ghadu biss mid-dar taghna. Din kienet il-posizzjoni meta saret il-bidla u hekk ghadha sal-lum. ... ... Qatt ma kien jezisti access ghal din il-kamra mill-fond 289 ... ... Triq il-Gdida, Luqa. ... ... Qabel ma morna noqghodu fil-fond numru 290 jiena kemm-il darba dhalt f'dak il-post peress illi hemmhekk kien jghix Giuseppi Borg u jien kont immure nohodlu l-haxix. Niftakar illi qabel ma partatna l-post, dan Giuseppi Borg kien juza l-kamra in kwistjoni ghall-ghalf tal-bhejjem. L-access ghal din il-kamra kien biss mid-dar bin-numru 290 u mill-ebda post iehor. Wara li dhalna fil-post din il-kamra ma baqghetx tintuza ghall-ghalf tal-bhejjem. Naddafna din il-kamra u kabbarna id-dhul ghal go fiha bil-permess ta' Carmelo Ellul, il-werriet tal-post, biex inkunu nistghu nuzawha bhala kamra tas-sodda u sa fejn naf jien ghadha hekk sa llum."* Dan hu konfermat ukoll mix-xhieda ta' oht il-konvenuta Lucy Cropp.[5]

Il-konvenuta baqghet toqghod fil-fond 290 anke wara li mietu l-genituri taghha.

Pero l-aktar xhud importanti hija certament Margaret Farrugia li tikri l-fond 289 minghand l-attrici. Fl-affidavit taghha,[6] hija tghid li ilha toqghod f'dan il-fond minn meta twieldet – skond il-karta tal-identita taghha fl-1951 – u ilha toqghod hemm circa 58 sena. Qabilha kienu

---

[3] Ara affidavit tal-konvenuta a fol. 68 *et seq.* tal-process.
[4] Ara fol. 65 tal-process.
[5] Ara fol. 66 tal-process.
[6] Ara fol. 67 tal-process.

joqghdu l-genituri taghha, illum it-tnejn mejtin, u wara li zzewget baqghet toqghod fil-fond. Margaret Farrugia tkompli tixhed hekk: *"Mill-pjan tat-tarag jidher illi fiz-zmien qabel ma bdejna nabitaw fil-post, kien hemm xi fetha u din inghalqet. Kif ghidt meta dhalna gol-post ma kienx hemm access biex tidhol fil-post li jmiss maghna numru 290, Triq il-Gdida, Luqa mill-pjan tat-tarag. ... ... Kemm ilni noqghod fil-post 289 Triq il-Gdida Luqa, qatt ma kien hemm access minghandi ghal xi post iehor."*

Mix-xhieda ta' Margaret Farrugia li twieldet fl-1951, ma hemmx dubbju li meta l-awturi tal-attrici u Anthony Ellul krew il-fond 290 lil Rosario Abela – u dan bil-fors gara xi ftit taz-zmien wara l-mewt ta' Giuseppi Borg fl-1955 – il-kamra in kwistjoni kienet tifforma parti mill-fond 290, u ma kellha l-ebda access ghall-fond 289, u konsegwentement kienet tifforma parti mill-kirja. Ix-xhieda ta' Margaret Farrugia hija konfermata mix-xhieda tal-konvenuta u hutha.

L-allegazzjoni tax-xhud Anthony Ellul, sid il-fond 290, li hu qatt ma rcieva xi kera rapprezentanti l-kera dovuta ghar-rigward ta' din il-kamra hija assolutament priva minn kull fundament fattwali u legali. Fl-ewwel lok, ma giet prodotta l-ebda skrittura tal-kirja originali tal-fond 290, wisq inqas skrittura ta' kirja li tati deskrizzjoni dettaljata tal-intern tal-post, jew li maghha jkun hemm annessa pjanta tal-post. Fit-tieni lok, l-ircevuti tal-kera ipprezentati mill-1976 jghidu li Carmelo Ellul, l-awtur tax-xhud Anthony Ellul, qed jircievi somma ta' specifika ta' flus bhala kera minghand Rosario Abela, missier il-konvenuta, minghajr mal-ircevuta tispecifika ghal liema post il-kera qed tirreferi, u wisq inqas tiddeskrivi l-ambjenti tal-post.[7] L-ircevuti tal-kera inhargu ghall-fond 290 kif kien meta saret il-kirja originali lil Rosario Abela, u cioe bil-kamra in kwistjoni formanti parti minnu.

Mis-suespost, huwa il-Qorti m'ghandix dubbju li l-konvenuti irnexxielhom jippruvaw sal-grad rikjest fil-kamp civili, li l-kamra in kwistjoni kienet tifforma parti mill-kirja originali li l-awturi tal-attrici u Anthony Ellul ghamlu tal-fond 290, Triq il-Gdida, Luqa, liema kirja saret lejn nofs is-snin hamsin.

[7] Ara dokumenti a fol. 52 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talba tal-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**